# 2

## KCINA TAR-RESIDENZA DELILE

| | |
|---|---|
| DELILE | Jekk qedx naqdef? |
| MME DELILE | Int tghum tajjeb anke jekk ftit<br>Taf tinnavika fl-ilma |
| DELILE | Il-kaz tieghek kfi sirt taf li<br>Kif kien il-kaz tieghi |
| ADELE | Sirna nafu bih?<br>Xoghlna |
| BEATRICE | Tithallsu t'hekk? |
| DELILE | Ghandna network |
| BEATRICE | Wiehed jikseb l-informazzjoni |
| DELILE | Intom tghumu?  It-trapezium volanti taghmluha?<br>U mbaghad<br>(silenzju)<br>halluni |
| | |

| | |
|---|---|
| MME DELILE | Jaf jghum tajjeb mhux hazin bhal kulhadd imma hemm bzonn niskuzawh naqra |
| DELILE | Ghalaqlu Rose |
| MME DELILE | Sforz il-hajja li nghixu bla ma naraw lil hadd dejjem maqfulin hawn ghal dawn is-snin kollha<br><br>Intom ma tistghux tifhmu<br><br>Sahansitra tlifna d-drawwa li nitkellmu bejnietna<br><br>Bhall-katina tieghu kellha z-zmien tissaddad miz-zmien minn mindu ma messx iktar ir-rota<br><br>Darba fost l-ohrajn ghedtlu Pierre kieku tmur tigri bir-rota tiehu ftit arja |
| DELILE | Rose ghalaqlu |
| MME DELILE | Lanqas biss irrispondieni<br><br>Ergajt kellimt ghal darb'ohra u ergajt mill-gdid |
| ADELE | Isuq ir-rota |
| MME DELILE | Jekk isuqx ir-rota?<br><br>Kienet l-izvog tieghu ma kien hemm xejn aktar li jimpurtah fil-hajja Ir-rota tieghu qed nghidilkom kienet passjoni<br><br>Meta spicca bla xoghol kompla jsuqha imma imbaghad beda dejjem inaqqas inaqqas u fl-ahhar waqaf ghal kollox<br><br>Diga ghaddew sentejn u nofs minghajr ma jmissha u rabba' z-zaqq minkejja li konna noqghodu attenti hafna ghall-portmoni fejn jidhol l-ikel  It-tifel taghna Paul darba kien qallu Papa qed trabbi z-zaqq u |

| | |
|---|---|
| | bdew jaghjtu u jiggieldu fuq hekk ghax Paul qatt ma jghid li hemm bzonn f'waqtu u r-ragel ma kien ghadu jissaporti xejn  kollox kien sar idejqu<br><br>Mhux veru Pierre?  Darba ghamiltli sorpriza jien kont qtajt naqra qalbi u f'daqqa wahda qbadtek bil-lenbut waqt li kont qed taghti z-zejt lill-katina tar-rota |
| ADELE | Rega' qabadha? |
| MME DELILE | Mhux ezatt<br><br>Skond kif jiftillu<br><br>Ghallinqas ma kienx ghadu l-ixkora vojta mitluqa hemmhekk minn fil-ghodu sa fl-ghaxija |
| ADELE | Allura, Sur Delile, meta kien ilek bla xoghol minn |
| MME DELILE | Ha nghidilkom jien ... sentejn u nofs |
| ADELE | Hemmhekk bdejt tirkeb ir-rota<br><br>Kuljum ? |
| MME DELILE | Ghidilhom Pierre !<br><br>Ghidilhom li dik salvatek<br><br>Ghidilhom bhal m'ghedt lili li mis-sebgha x'hin tqum biex taghmel it-30 kilometru tieghek ta' fil-ghodu  ghallinqas dak kien inehhielek l-ideja li tispara ghal rasek<br><br>Meta tkun spiccajt |
| ADELE | Kont taghmel tletin kilometru kull fil-ghodu ? |

| | |
|---|---|
| MME DELILE | Anke bix-xita niezla bil-qliel kien jitlaq<br><br>Meta kien jigi lura l-ikel kien ikun lest fuq il-mejda  issa rega' beda jitkellem ftit |
| ADELE | Ghaliex waqaf jitkellem ? |
| MME DELILE | Hlief li dejjem jirrepeti l-istess haga |
| BEATRICE | Ghandkom kcina helwa ezattament kif ghandha tkun  Ma taqbilx Adele ?<br><br>Spazjuza hawnhekk tqattghu hinkom l-iktar ?<br><br>Bi preferenza mis-salott ? |
| MME DELILE | Kien jidhol fid-dettalji teknici kien daqqa jivvinta hekk u daqqa hekk kien jaghmel ta' bir-ruhu li se jispara ghal rasu jew inkella jhares lejn it-travu fil-kamra tal-bejn biex minn fejn jista' jiddendel jew jorbot xi gebla ma' ghonqu jew jqabbad id-dar kull darba li jahseb fin-nar kollu god-dar kien dan li kien jigri l-iktar spiss kien hemm bzonn li jien nghidlu jekk kontx naqbel ukoll kien jghidli Ahsibha Rose minix qed ingieghlek |
| ADELE | Ha toqghod gewwa ? |
| MME DELILE | Jekk taghmel hekk Pierre? |
| DELILE | Spiccajna? |
| ADELE | Forsi ezatt bil-kontra Sur Delile<br><br>Skuzani jekk dan kollu iqajjem affarijiet li jweggghuk<br><br>Imma forsi ghall-kuntrarju ghalik<br><br>Il-folja nqalbet |

| | |
|---|---|
| | *Silenzju* |
| DELILE | Kif sirtu tafu bil-kaz tieghi ? |
| ADELE | Naqra xorti tajba u naqra tkixxif |
| BEATRICE | Antenni |
| ADELE | Trid tkun taf tgharrex |
| BEATRICE | Okkazjoni |
| ADELE | Kif tahtaf l-okkazjoni |
| BETARICE | Tintelaq mar-rih |
| ADELE | Thobb 'il ghajrek |
| BEATRICE | Importanti |
| ADELE | Mill-gholi fis-sema |
| BEATRICE | Bi gwinhajk miftuhin |
| ADELE | Bi ftit ghajnuna mill-Providenza |
| BEATRICE | Todghos |
| MME DELILE | Bhal Angli? |

| | |
|---|---|
| | *Dahk* |
| ADELE | Is-sengha taghkom thobbu?<br><br>*Silenzju* |
| BEATRICE | L-istorja taghkom hija storja ta' ferh<br><br>Mill-mod ta' kif ahna naraw din it-trasmissjoni se jkun hemm xi stejjer ta' xi vjaggi tragici differenti bizzejjed minn xulxin izda li jippermettulna nghaqqduhom flimkien f'tema komuni – il-Qghad – u l-effetti distruttivi li jipproduci it-tessut familjari imma wkoll il-personalita' profonda ta' l-individwu<br><br>Imbaghad ikun hemm storja ta' ferh<br><br>Dik ta' ragel li diga' ghadda minn l-eta' deciziva ta' hamsin sena qghad fit-tul u li jsir il-mezz kif jerga' jidhol irrid nghid li jerga' jsib ix-xoghol<br><br>Nammetti li jekk il-kaz taghkom jintaghzel intom tkunu fil-veru sens tal-kelma l-istilel tal-programm Id-dija taghkom wahedha tinfed id-dlamijiet tal-passat taghkom<br><br>Qed tifhem? |
| MME DELILE | Qed jifhem |
| BEATRICE | Oqghod fuq ix-xtajta ahsibha u pluff  aqbez il-bahar<br><br>Imbaghad jarawk tghum ftit |
| MME DELILE | Skuzani<br><br>Intom m'ghedtux li t-trasmissjoni se tkun diretta fl-istudio? |
| BEATRICE | Infatti u intom tkunu t-tnejn  int sinjur u int sinjura<br><br>Dirett  fuq il-palk qalb ringiela nies qieghda ghal zmien twil li kollha |

| | |
|---|---|
| | qabzu l-hamsin sena li gew mistiedna jiehdu sehem<br><br>Vincent Bonnemalle ikun jimxi fostkom  isaqsi l-mistoqsijiet lil dak u lill-iehor<br><br>Lilkom bhalma jistaqsi lil haddiehor<br><br>Imma programm bhal dak jinvolvi l-inserts<br><br>B'daqqa ta' bakketta magika ta' Vincent jisparixxi il-palk minn fuq l-iskrijn u t-telespettatur isib ruhu hawnhekk f'din il-kcina jew tkun mal-mejda ma' martek jew fil-Bricomarket jew inkella wiehed ikun jista' jarawk fl-ewwel jiem inti fuq ix-xoghol jew fuq ix-xatt tax-xmara Loire<br><br>Fid-dibattitu ndahhlu xi flashbacks li jgieghluna nifhmu ahjar il-verita' tal-hajja tieghek<br><br>Filmati zghar li naturalment irridu nigbdu qabel il-gurnata tat-trasmissjoni |
| ADELE | U li l-eroj taghhom ser ikun prezenti fl-istess hin quddiem il-kamera |
| BEATRICE | Dak kollox<br><br>Intom tkunu barra u gewwa fl-istess hin<br><br>Gewwa rrid nghid fuq il-palk mal-qieghda l-ohra kollha<br><br>Barra rrid nghid id-dar tieghek fuq ix-xoghol fuq ir-ramel |
| DELILE | U fuq ir-rota ? |
| BEATRICE | Mela le u ghala le ? |
| ADELE | U jitla' gholja bir-rota |
| DELILE | Ghedtli qalb in-nies il-qieghda l-ohra ? |
| | |

| | |
|---|---|
| BEATRICE | Iva fi trasmissjoni diretta |
| MME DELILE | Mela Pierre mhux ovvju skuzawh naqra ta |
| DELILE | Ghedt l-ohrajn |
| BEATRICE | Mela |
| DELILE | In-nies qieghda l-ohra ? Ghalik jien bniedem qieghed fost l-ohrajn? |
| BEATRICE | In-nies qieghda fil-qasir ha nnehhi l-kelma ohrajn |
| DELILE | Jiena fosthom? |
| BEATRICE | Forsi naqra ghalik ... issa naraw<br><br>Vincent Bonnemalle inkarigat milli jiehu hsieb kif se titqassmu |
| DELILE | Se tpoggu 'l kulhadd f'daqqa allura ?<br><br>F'borma wahda dawk li huma bla xoghol u dawk li m'ghadhomx bla xoghol ? |
| MME DELILE | X'tahsbu kikkra te ma taghmlilkomx tajjeb ?<br><br>Ilna ma nilqghu lil xi hadd ghal tant zmien u f'daqqa wahda qed jigru dawn l-affarijiet kollha Jafu x'inhuma jaghmlu Pierre ippoguna fejn hemm bzonn |
| BEATRICE | U jekk ghandek felli lumija<br><br>Se jkun hemm l-inserts li juru lilek biss |

| | |
|---|---|
| ADELE | Ikunu rawk taqdef bir-rota<br><br>Ikunu rawk fil-bidu fil-Bricomarket |
| BEATRICE | X’se taghmel hemm ezattament ? |
| DELILE | Nimxi ‘l hemm u ‘l hawn |
| MME DELILE | Spjegalhom sewwa Pierre |
| DELILE | Ghandhom bicca mill-klijenti li qatt ma jkunu kuntenti<br><br>Ghax illum iktar u iktar nies jippruvaw jaghmlu d-‘do it yourself’ minghajr ma jkollhom l-icken ideja<br><br>Jigri li jixtru materjal li ma jkunx addattat<br><br>Imbaghad jigu b’hafna ilmenti<br><br>Il-management dahhal metodu fejn ihalli f’kull wiehed mid-dipartimenti il-kbar impjegat li jaghti l-pariri<br><br>Hemm bzonn tkun mal-hanut kollu u tilhaq dawk il-klijenti li jkunu qeghdin itellghu u jnizzlu |
| ADELE | Proset hekk veru tajjeb |
| BEATRICE | Mela narawk taghmel hekk |
| ADELE | U hawn hu fl-istess hin naqilbu ghal intervista ma’ min ihaddmek |
| BEATRICE | Sur Maniger Ghaliex iddecidejtl li timpjega wiehed ta’ iktar minn hamsin sena? |

| | |
|---|---|
| ADELE | Wara li wizzinna kollox l-ghazla waqghet fuq technician 'esperjenza kbira |
| BEATRICE | L-eta'? Jien ma jigi xejn quddiem ghajnejja hlief vantaggi fejn immedjatament il-klijentela jkollha fiducja fih |
| ADELE | Dawk il-prejudizzji kollha fuq iz-zmien nafferma li mhumiex hlief tip iehor ta' razzizmu<br><br>Inti ma taf lil ebda mara jew ragel li ghandhom iktar minn hamsin sena li jaghm,lu xoghol eccellenti ?<br><br>Ahna l-Bricomarket nirreagixxu kontra din it-tip ta' diskriminazzjoni alavolja hija daqstant prattikata hafna xorta wahda hija daqstant iehor ta' min jobghodha |
| ADELE | Dnub |
| BEATRICE | Twassal ghall-qerda tas-socjeta' fit-totalita' taghha |
| ADELE | U ghidli ftit Sur Maniger dan is-Sur Delile sodisfatt b'dan is-Sur Delile? |
| BEATRICE | Isma din hi spiza zejda ghalina imma jidher car illi din l-ispiza nifduha u anke iktar minhabba iz-zieda fil-bejgh li kellna grazzi ghas-sehem tieghu |
| ADELE | Malajr inhasset il-prezenza tieghu |
| DELILE | Tafu jien ghadni nibda |
| BEATRICE | U iva imma d-differenza dehret wara biss ftit |
| ADELE | Meta bdejt ? |

| | |
|---|---|
| MME DELILE | Il-bierah beda |
| ADELE | Il-bierah ? |
| MME DELILE | Imma ghadda kollox b'wicc il-gid<br>Veru Pierre ?  Kont kunfidenti fi x'hin dhalt lura d-dar il-bierah<br>Ghidilhom<br>Silenzju |
| DELILE | Meta wiehed isir qisu bhima<br>Ir-rota ma hrigtiex iktar biex ma jarawnix iktar<br>Ma ridtx li jarawni<br>Kont bhima ninheba |
| BEATRICE | Imma inti kuntent<br>Wiehed ma jergax jigi f'tieghu f'daqqa<br>Jekk iridu jgieghluni nahsel l-art bil-lejl. Kull ma jridu.<br>Imma jien ghedt lili nnifsi li mhix se ddum il-bicca |
| BEATRICE | Ghaliex ? |
| DELILE | Wisq sabiha |
| MME DELILE | Jehtieg ikollok fiducja |
| | |

| | |
|---|---|
| BEATRICE | Jien .. jien ghandi fiducja |
| DELILE | Imma int |
| MME DELILE | Pierre isma' x'qed jghidulek |
| ADELE | Ghall-programm huwa assolutament importanti li kulhadd ikun jista' jara li ghandek fiducja |
| BEATRICE | Iva u fl-istess hin<br>Stenna ha nghidlek<br>Il-'feeling' li ghadu ma ntefiex sa l-ahhar li int bhima<br>Dan jista' jkun ferm interessanti |
| ADELE | L-ohrajn kollha se jkunu tal-biki<br>Din l-istorja trid tiddi |
| BEATRICE | Tista tkun tahlita tat-tnejn<br>Meta jibda jbexbex |
| ADELE | Ghandna bzonn kuntrast massimu bejn dlam u dawl |
| BEATRICE | Nakkwistawh<br>Noqghodu fuq id-dinamizmu tat-trasmissjoni<br>Jekk naghzluk biex tissimbolizza t-tama<br>Xi haga se tohrog minnek Sur Delile |
| | |

| | |
|---|---|
| DELILE | Iva<br><br>Dan ma jfissirx li ha jzommuni fl-impjieg |
| MME DELILE | Mhux in-natural tieghek li tiddubita<br><br>Bejnek u bejn Blache kont int li kont tahseb dejjem li l-affarijiet jistghu jmorru biss ghall-ahjar Pierre<br><br>Pierre das-sentiment jista' jerga' jitqajjem<br><br>Isma x'qed jghidulek<br><br>Tafu li zewgi anke fil-mumenti difficli qatt ma kien jara hlief in-naha t-tajba ta' l-affarijiet dejjem kellu hlieqa<br><br>Dawk li jitkissru l-ewwel huma dawk li jahsbu illi f'hajjithom xejn ma jinbidel<br><br>Meta jigrilhom hekk it-tabib tax-xoghol qalha din jitkissru sakemm waqt li jkun hemm xi whud bhal Blache<br><br>Blache li dejjem kien jinkwieta fuq x'se jigri ghada anke jekk kollox kien sejjer tajjeb ghalih |
| DELILE | Ahjar ma ssemmix iktar lil Blache |
| MME DELILE | X'qed itik ? Pierre<br><br>M'ghedtlix sahansitra li ghadda kollox ghaddiet darba ghal dejjem |
| DELILE | U ghalhekk qed terga' ssemmiha ? |
| MME DELILE | Iva ladarba ghaddiet |
| DELILE | Ghaddiet u daqshekk tkellimna dwarha |
| | |

| | |
|---|---|
| MME DELILE | Jien qed nitkellem dwar l-idejat li kont iddahhal f'mohhok<br><br>Oh Pierre ma jistax ikun |
| DELILE | X'ma jistax ikun?<br><br>Li ghadda kollox ? |
| MME DELILE | Ilu ghoxrin sena li ghadda kollox |
| BEATRICE | Hu x'inhu |
| MME DELILE | Blache kien siehbu minn dejjem u l-ikbar habib tieghu<br><br>Tkeccew f l-istess zmien ghax il-kumpanija waqqfet ix-xoghol tad-ipartiment taghhom<br><br>Forsi tahsbu li din ix-xorti hazina grat biex tghaqqadhom iktar flimkien izda gara ezatt bil-kontra<br><br>Pierre ma riedx jara iktar nies specjalment dawk li kienu l-eqreb tieghu<br><br>Kont hsibt li meta jerga jsib ix-xoghol |
| ADELE | Blache rega' sab xoghol ? |
| MME DELILE | Oh mela dak ilu sitt xhur diga' |
| DELILE | U ghax ma jmorrux jiltaqghu lil Blache<br><br>Ahjar jintervistaw lilu<br><br>Hu sar tal-post u sahansitra rega' lura fis-sengha li kellu qabel<br><br>Ihossu komdu fil-buzullotti taghkom u l-ghawn l-isport favorit tieghu |

| | |
|---|---|
| MME DELILE | Pierre<br><br>Bla dubju ta' xejn dawk li dejjem jistennew daqqa ta' harta meta tasal id-daqqa jaqghu inqas mill-gholi. L-istorja ta' Blache ma kienetx l-istess |
| DELILE | Tista' tghidha |
| MME DELILE | L-istess tisbita |
| DELILE | Iservihielkom fuq dixx kbir l-istorja ta' ferh tieghu jien meta inkun qed inqaxxar il-lehja inwegga' nhares lejja nnifsi kif tridu turu lili fuq it-televixin ? |
| BEATRICE | Id-diffukulta' li tidher miktuba fit-tikmix ta' wiccek<br><br>Xhieda tas-sofferenza<br><br>Tajjeb ghax nistghu nghidu xi affarijiet dwarha ghandna bzonnhom |
| DELILE | It-televixin qas niftakar x'inhu qas ghadu ghandna bieghhejnieh xi sena ilu bieghhejnieh wara l-karozza il-washing machine il-fided gahx biex tghix b'86 Francs kuljum la darba weihed ikun wasal sa l-ahhar tal-beneficcji socjali tieghu ma jibqaghlu dritt ghal xejn ghax m'ghadu xejn. jien ma niflhx iktar ghalikom ma niflahx qeghdin tifhmu ? Ma niflahx<br><br>*Johrog 'il barra f'daqqa* |
| MME DELILE | Jekk tiehdu lil Blache floku<br><br>Ma jergax iqum minnha |
| ADELE | Ahna ghednielu mhux l-uniku kandidat Vincent Bonnemalle talabni biex nipprezentawlu almenu zewg kandidati halli jkun jista' jaghzel |

| | |
|---|---|
| MME DELILE | Jien kieku fhimtu da' kollu<br><br>Imma mhux Blache<br><br>Kieku kien Blache ... |
| ADELE | Kien hu li baghatna hawnhekk |
| MME DELILE | M'intomx tindunaw?<br><br>Dan kollu tort ta' dak kollu li ilu jaghmel ghal zmien twil biex jiddistruggi lilu nnifsu<br><br>Ghax il-bniedem ma jhossx  iktar li hu bniedem<br><br>Ghaliex is-socjeta' ghax warrbitu allura ma jibqghalu xejn hlief li jwarrab hu stess<br><br>Is-salott taghna qas ghadu jissaportieh ilna tlett snin niltaqghu fil-kcina<br><br>U jew<br><br>Jien nafu bizzejjed biex nassigurakom li l-programm taghkom ikun l-iktar mument ta' kburija ta' hajtu u mhux se tohorgu dizappuntati<br><br>U zgur li qed jibza'  ghax irid jerga' jsib lilu nnifsu ghaliex ma tistax terga' tibda tghi hekk f'daqqa. Thossok terga' titwieled mill-gdid.<br><br>Qed jibza' li mhux tal-livell dak kollox<br><br>Jien ukoll f'dan il-programm tafu ghandi xi affarijiet x'nghid<br><br>Xi affarijiet li nista' nghid ahjar minn kulhadd oh kemm ghadni m'ghedtilkom xejn<br><br>Darba gabli fjura li kien xtrali warda hamra b'zokk mill-itwal. L-iktar wahda gholja li sab meta lanqas biex jixtri  nofs artal patatau dak kollu ghax jien jisimni Rose<br><br>U bqajna f'dirghajn xulxin<br><br>Ghal hin twil maghqudin fil-mewt ghax veru konna qisna fil-mewt<br><br>Ma kien fadal hadd ma kien fadal xejn aktar madwarna lanqas il- |

| | |
|---|---|
| | misthija<br><br>Is-Sur u s-Sinjura Blache differenti minna. Niggarantilkom li ma nqerdux bhalna. Ma tistax tkun l-istess emozzjoni<br><br>Jien certa li kif ghedtu intom dan il-programm<br><br>U quddiem il-kamera jkun jista' jkampa bhal kulhadd  m'ghandkomx bzonn film stars |